MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 337/2009

**R T**
**vs**
**O B;**
**l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri X,**
**u li eventwalment gew sostitwiti b' C B u estromessi mill-kawza;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta X B twieldet it-tifla X fit-18 ta' Marzu 2002; li fl-att tat-twelid taghha, it-tifla giet registrata bhala bint ta' missier mhux maghruf; li l-attur bil-hsieb li jrrikonoxxi t-tifla baghat ittra ufficjali lill-intimata skond il-ligi, izda dina baqghet inadempjenti; li l-attur ghandu nteress li jirrikonoxxi lit-tifla

bhala bintu u li l-paternita' tigi stabbilita permezz tat-testijiet genetici; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla X B li twieldet fit-18 ta' Marzu 2002; u [2] li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid billi t-tifla tigi registrata bhala bintu; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta O B li biha, ma cahditx li l-attur huwa fil-fatt missier-it tarbija, izda ddikjarat li dana kien abbanduna lilha u lit-tarbija u qatt ma kien wera nteress fiha; it-tifla trabbiet ghal dawn l-ahhar seba' snin f' ghozza kbira mill-konvenuta bl-ghajnuna tal-genituri taghha, u l-attur qatt ma hallas manteniment; li jekk jinbidel il-kunjom tat-tifla ser jikkaguna dannu psikologiku lill-istess;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha ddikjara li ma kienx ghadu edotti mill-fatti, li l-partijiet ghandhom jigu mistiedna ghat-testijiet genetici; u li hu m' ghandux ibati spejjez f' dawn il-proceduri;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz, filwaqt li rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu, gew sostitwiti l-kuraturi deputati, b' C B;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenuta X B fit-3 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu din talbet li l-kunjom tat-tifla ma jinbidilx u jibqa' B; rat ir-risposti relattivi u n-noti prezentati mill-partijiet in propozitu;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l- huwa l-missier naturali tat-tifla X B li twieldet fit-18 ta’ Marzu 2002, ghalkemm fuq l-att tat-twelid taghha giet registrata bhala wild ta’ missier mhux maghruf.

Minn naha taghha l-konvenuta filwaqt li ma tichadx, anzi fl-affidavit taghha tammetti, li l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija, issostni li mhux fl-interess tat-tifla li llum, li ghandha disa’ [9] snin, jinbidel kunjomha.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta, li matul relazzjoni li kellhom l-attur u l-konvenuta X B, twieldet it-tifla X B fit-18 ta’ Marzu 2002. Il-partijiet jaqblu li din hija l-wild naturali ta’ l-attur, izda l-konvenuta tghid li dawn itterminaw ir-relazzjoni taghhom fit-tqala, u ghalhekk it-tifla giet registrata bhala bint missier mhux maghruf.

Il-konvenuta tghid li l-attur abbandudna lilha meta kienet tqila, u qatt ma wera nteress fil-minuri, sakemm f’ daqqa wahda, meta t-tifla kibret iddecieda li jirrikonoxxiha.

Illi r-rapport tad-DNA jikkonferma li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla, u ghalhekk it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi b’ referenza ghat-talba maghmula mill-konvenuta Rosaenne B fl-imsemmi rikors taghha, il-Qorti hija tal-fehema li, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, senjatament tal-fatt li t-tifla llum ghandha disa’ [9] snin u wkoll ghadha f’ eta’ tenera sabiex tifhem jew ahjar tapprezza kif issa ser jinbidel kunjomha minn dak ta’ ommha, ghal dak tal-missier li dahal f’ hajjitha wara numru snin mit-twelid taghha, dan il-kambjament ta’ kunjomha f’ dan l-istadju jmur kontra l-interessi tat-tifla, filwaqt li ma gie pruvat li ebda terz mhu ser jigi pregudikat bil-fatt li l-kunjom tal-minuri jibqa’ B. Ghalhekk il-Qorti qed tilqa’ l-imsemmija talba tal-konvenuta fl-ahjar interess tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla X B li twieldet fit-18 ta' Marzu 2002;  ukoll tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta' l-istess minuri, izda tordna t-tifla tibqa' zzomm il-kunjom 'B'.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------